

28.9.2023

A9-0246/ 001-077

EMENDI 001-077

mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapport

Bernd Lange

Koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi

A9-0246/2022

Proposta għal regolament (COM(2021)0775 – C9-0458/2021 – 2021/0406(COD))

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Skont l-Artikolu 1 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti jinkludu l-għan li jiġu żviluppati relazzjonijiet favorevoli fost in-nazzjonijiet abbażi tar-rispett għall-prinċipju ta' drittijiet ugwali.

Emenda

(3) Skont l-Artikolu 1 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-għanijiet tan-Nazzjonijiet Uniti jinkludu l-għan li jiġu żviluppati relazzjonijiet favorevoli fost in-nazzjonijiet abbażi tar-rispett għall-prinċipju ta' drittijiet ugwali. ***Barra minn hekk, f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji tad-Dritt Internazzjonali li jikkonċernaw ir-Relazzjonijiet ta' Ħbiberija u l-Kooperazzjoni fost l-Istati f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, ir-relazzjonijiet internazzjonali jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mal-prinċipji tal-ugwaljanza sovrana u tan-nuqqas ta' intervent^{1a}.***

^{1a} L-Assemblea Ġenerali tan-NU, Id-Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji tad-Dritt

Internazzjonali li jikkonċernaw ir-Relazzjonijiet ta' Ħbiberija u l-Kooperazzjoni fost l-Istati f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-24 ta' Ottubru 1970, A/RES/2625(XXV).

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Id-dritt internazzjonali tar-responsabbiltà tal-istat għal atti internazzjonalment illegali ġie kkodifikat mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2001^{1a} u jenħtieġ li jiggwida l-azzjoni tal-Unjoni fejn l-Unjoni tiffaċċja koerċizzjoni ekonomika minn pajjiż terz li tikkostitwixxi att internazzjonalment illegali. Id-"Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji tad-Dritt Internazzjonali li jikkonċernaw ir-Relazzjonijiet ta' Ħbiberija u l-Kooperazzjoni fost l-Istati f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti"^{1b} tiddikjara li l-ebda Stat ma jista' juża jew jinkoraġġixxi l-użu ta' miżuri ekonomiċi, politiċi jew miżuri ta' kwalunkwe natura oħra biex jisforza Stat ieħor jissubordina l-eżerċizzju tad-drittijiet sovrani tiegħu u biex jikseb vantaġġi ta' kwalunkwe tip minnu. Dawk ir-regoli kodifikati tad-dritt internazzjonali konswetudinarju huma vinkolanti.

^{1a} *Atti Internazzjonalment Illegali, adottati mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-tlieta u ħamsin sessjoni tagħha, fl-2001, u li ttieħed nota tagħhom mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-*

riżoluzzjoni 56/83.

^{1b} Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 2625/24 (XXV) tal-24 ta' Ottubru 1970.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Filwaqt li dejjem taġixxi fil-qafas tad-dritt internazzjonali, huwa essenzjali li l-Unjoni jkollha strument xieraq biex tiskoraġġixxi u tiġġieled il-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha. Dan huwa partikolarment il-każ fejn pajjiżi terzi jieħdu miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment li jinterferixxu fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru billi jfittxu li jipprevjenu jew jiksbu l-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari mill-Unjoni jew minn Stat Membru. Tali miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment jistgħu jinkludu mhux biss azzjonijiet meħuda fuq, u li jkollhom effetti fit-territorju tal-pajjiżi terzi, iżda wkoll azzjonijiet meħuda mill-pajjiżi terzi, inkluż permezz ta' entitajiet ikkontrollati jew diretti mill-pajjiżi terzi u preżenti fl-Unjoni, li jikkawżaw ħsara lill-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni.

Emenda

(6) Filwaqt li dejjem taġixxi fil-qafas tad-dritt internazzjonali, huwa essenzjali li l-Unjoni jkollha strument xieraq biex tiskoraġġixxi u tiġġieled il-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha. Dan huwa partikolarment il-każ fejn pajjiżi terzi jieħdu, ***jonqsu milli jieħdu jew jheddu li jieħdu*** miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment li jinterferixxu fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru billi jfittxu li jipprevjenu jew jiksbu l-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari, ***inkluża kull forma ta' għażla ta' politika jew pożizzjoni fir-rigward ta' għażla ta' politika bħar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewopew***, mill-Unjoni jew minn Stat Membru. Tali miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment jistgħu jinkludu mhux biss azzjonijiet meħuda, ***l-omissjoni ta' azzjoni, jew it-theddid ta' azzjonijiet jew ta' azzjonijiet li se jittieħdu*** fuq, u li jkollhom effetti fit-territorju tal-pajjiżi terzi, iżda wkoll azzjonijiet meħuda mill-pajjiżi terzi ***jew li l-pajjiżi terzi hedded li jieħu***, inkluż permezz ta' entitajiet ikkontrollati jew diretti mill-pajjiżi terzi u preżenti fl-Unjoni, li jikkawżaw ħsara lill-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ***bħal, fost l-oħrajn, ċerti effetti ekstraterritorjali ta' sanzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jaffettwaw***

in-negozju u l-individwi tal-UE, u fl-aħħar mill-aħħar is-sovranià tal-għażliet tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura rispons effettiv, effiċjenti u rapidu tal-Unjoni għall-koerċizzjoni ekonomika, **inkluż l-iskoraġġiment ta' koerċizzjoni** ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u, **fl-aħħar istanza**, kontromiżuri.

Emenda

(7) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura rispons effettiv, effiċjenti u rapidu tal-Unjoni għall-koerċizzjoni ekonomika **speċjalment id-deterrenza tal-koerċizzjoni** ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u, **fejn meħtieġ meta strumenti oħra ma jistgħux jipproteġu l-interess tal-Unjoni b'mod adegwat**, kontromiżuri. **Dan ir-Regolament jikkomplimenta d-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kummerċ bħar-Regolament (UE) 2016/167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.**

^{1a} **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terzi, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU L 309, 309.29.1996, p. 1).**

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari kontra l-koerċizzjoni ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru ta' pajjiżi terzi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod

Emenda

(8) L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari kontra l-koerċizzjoni ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru ta' pajjiżi terzi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod

suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. Dan minħabba li l-Istati Membri bħala atturi distinti skont id-dritt internazzjonali jistgħu ma jkunux intitolati skont id-dritt internazzjonali biex jirreaġixxu għall-koerċizzjoni ekonomika diretta kontra l-Unjoni. Barra minn hekk, minħabba l-kompetenza esklużiva mogħtija lill-Unjoni mill-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri ma jitħallewx jieħdu miżuri ta' politika kummerċjali komuni bħala reazzjoni għall-koerċizzjoni ekonomika. Għalhekk, dawk l-oġettivi *jistgħu* jintlaħqu *b'effettività akbar* fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, għall-ħolqien ta' qafas effettiv u komprensiv għal azzjoni tal-Unjoni kontra l-koerċizzjoni ekonomika, li jiġu stabbiliti regoli dwar l-eżami, id-determinazzjoni u l-kontroazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu preċeduti minn eżami tal-fatti, determinazzjoni tal-eżistenza ta' koerċizzjoni ekonomika, u, fejn possibbli, sforzi biex tinstab soluzzjoni f'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ikkonċernat. Kwalunkwe miżura imposta mill-Unjoni jenħtieġ li tkun proporzjonata mad-dannu kkawżat mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-kriterji għad-definizzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jqisu b'mod partikolari *l-ħtieġa* li jiġu evitati jew minimizzati l-

suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. Dan minħabba li l-Istati Membri bħala atturi distinti skont id-dritt internazzjonali jistgħu ma jkunux intitolati skont id-dritt internazzjonali biex jirreaġixxu għall-koerċizzjoni ekonomika diretta kontra l-Unjoni. Barra minn hekk, minħabba l-kompetenza esklużiva mogħtija lill-Unjoni mill-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri ma jitħallewx jieħdu miżuri ta' politika kummerċjali komuni bħala reazzjoni għall-koerċizzjoni ekonomika. Għalhekk, *huwa meħtieġ li l-mezzi biex* dawk l-oġettivi jintlaħqu *b'mod effettiv jinħolqu* fil-livell tal-Unjoni.

Emenda

(9) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, għall-ħolqien ta' qafas effettiv u komprensiv għal azzjoni tal-Unjoni kontra l-koerċizzjoni ekonomika, li jiġu stabbiliti regoli dwar l-eżami, id-determinazzjoni u l-kontroazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu preċeduti minn eżami tal-fatti, determinazzjoni tal-eżistenza ta' koerċizzjoni ekonomika, u, fejn possibbli *u jekk il-pajjiżi terzi jimpjenja ruħu in bona fide*, sforzi biex tinstab soluzzjoni f'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ikkonċernat. Kwalunkwe miżura imposta mill-Unjoni jenħtieġ li tkun proporzjonata mad-dannu kkawżat mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiżi terzi *u jenħtieġ li jkollha l-għan prinċipali li tikseb il-waqfien tal-koerċizzjoni*

effetti kollaterali, **il-piżijiet amministrattivi** u l-kostijiet imposti fuq l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni kif ukoll l-interess tal-Unjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi segwiti, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

ekonomika u, fejn xieraq, ir-reparazzjoni għad-dannu kkawżat. Jenħtieġ li l-kriterji għad-definizzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jqisu b'mod partikolari **l-effettività tal-miżuri li jwasslu għat-tmiem tal-koerċizzjoni ekonomika u l-potenzjal tal-miżuri li jipprovdu solliev lill-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni affettwati mill-koerċizzjoni ekonomika, anki permezz ta' miżuri interni bħal fond ta' kumpens ad hoc għal dawk l-operaturi ekonomiċi.** Jenħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-**ħtieġa li jiġu indikati l-passi sussegwenti li jridu jittieħdu u** li jiġu evitati jew minimizzati **r-riskji ta' eskalazzjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali,** l-effetti kollaterali, **il-kumplessità amministrattiva sproporzjonata** u l-kostijiet imposti fuq l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni kif ukoll l-interess tal-Unjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi segwiti, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Unjoni abbażi ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tikkonforma mal-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali. Id-dritt internazzjonali jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, bħall-proporzjonalità u l-avviż minn qabel, l-impożizzjoni ta' kontromiżuri, jiġifieri miżuri li altrimenti jkunu kuntrarji għall-obbligi internazzjonali ta' parti danneġġjata fil-konfront tal-pajjiż responsabbli għal ksur tad-dritt internazzjonali, u li huma mmirati

Emenda

(10) Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Unjoni abbażi ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tikkonforma mal-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali. **Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tappoġġja s-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, bl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fil-qalba tagħha.** Id-dritt internazzjonali jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, bħall-proporzjonalità u l-avviż minn qabel, l-impożizzjoni ta' kontromiżuri, jiġifieri miżuri li altrimenti

biex jiksbu l-waqfien tal-ksur jew **kumpens** għalih.¹⁰ Għaldaqstant, il-miżuri ta' rispons adottati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jieħdu l-forma ta' miżuri li jaderixxu mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jew miżuri li jikkostitwixxu kontromiżuri permessi. Skont id-dritt internazzjonali, u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dawn jenħtieġ li **ma jaqbżux livell li jkun proporzjonat** mad-dannu mġarrab mill-Unjoni jew minn Stat Membru minħabba l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiż terz, filwaqt li għandha titqies il-gravità tal-miżuri tal-pajjiż terz u d-drittijiet u l-interessi tal-Unjoni inkwistjoni. F'dan ir-rigward, id-dannu lill-Unjoni jew lil Stat Membru huwa mifhum skont id-dritt internazzjonali li jinkludi dannu lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.

¹⁰ Ara l-Artikoli 22 u 49-53 tal-Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Illegali fuq livell Internazzjonali, adottati mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-tlieta u ħamsin sessjoni tagħha, fl-2001, u li ttieħdu nota tagħhom mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-risoluzzjoni 56/83.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-koerċizzjoni hija pprojbita skont id-dritt internazzjonali meta pajjiż juża miżuri bħal restrizzjonijiet fuq il-kummerċ

jkunu kuntrarji għall-obbligi internazzjonali ta' parti danneġġjata fil-konfront tal-pajjiż responsabbli għal ksur tad-dritt internazzjonali, u li huma mmirati biex jiksbu l-waqfien tal-ksur jew **ir-reparazzjoni** għalih.¹⁰ Għaldaqstant, il-miżuri ta' rispons adottati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jieħdu l-forma ta' miżuri li jaderixxu mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jew miżuri li jikkostitwixxu kontromiżuri permessi. Skont id-dritt internazzjonali, u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dawn jenħtieġ li **jkunu proporzjonati** mad-dannu mġarrab mill-Unjoni jew minn Stat Membru minħabba l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiż terz, filwaqt li għandha titqies il-gravità tal-miżuri tal-pajjiż terz u d-drittijiet u l-interessi tal-Unjoni inkwistjoni. F'dan ir-rigward, id-dannu lill-Unjoni jew lil Stat Membru huwa mifhum skont id-dritt internazzjonali li jinkludi dannu lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.

¹⁰ Ara l-Artikoli 22 u 49-53 tal-Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Illegali fuq livell Internazzjonali, adottati mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-tlieta u ħamsin sessjoni tagħha, fl-2001, u li ttieħdu nota tagħhom mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-risoluzzjoni 56/83.

Emenda

(11) Il-koerċizzjoni hija pprojbita skont id-dritt internazzjonali meta pajjiż juża miżuri bħal restrizzjonijiet fuq il-kummerċ

jew fuq l-investment sabiex jikseb minn pajjiż ieħor azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li dak il-pajjiż ma huwiex obligat li jwettaq fuq livell internazzjonali u li taqa' taħt is-sovranità tiegħu, meta l-koerċizzjoni tilħaq limitu kwalitattiv jew kwantitattiv partikolari, skont kemm l-objettivi segwiti kif ukoll il-mezzi użati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni **teżamina l-azzjoni ta' pajjiż terz abbażi ta' kriterji** kwalitattivi u kwantitattivi li jgħinu fid-determinazzjoni ta' jekk il-pajjiż terz jindaħalx fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u jekk l-azzjoni tiegħu tikkostitwixxi koerċizzjoni ekonomika li tirrikjedi rispons tal-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) **Jenħtieġ li l-Kummissjoni** teżamina jekk il-miżuri ta' pajjiżi terzi humiex koerċittivi, fuq inizjattiva tagħha stess jew wara informazzjoni rċevuta minn kwalunkwe sors, inklużi persuni ġuridiċi u fiżiċi jew Stat Membru. Wara dan l-eżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina f'deċiżjoni jekk il-miżura tal-pajjiż terz hijiex koerċittiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkomunika **kwalunkwe** determinazzjoni affermattiva lill-pajjiż terz ikkonċernat, flimkien ma' talba li l-koerċizzjoni ekonomika tiegħu u talba, fejn xieraq, li kwalunkwe dannu jiġi kkoreġut.

jew fuq l-investment sabiex jikseb minn pajjiż ieħor azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li dak il-pajjiż ma huwiex obligat li jwettaq fuq livell internazzjonali u li taqa' taħt is-sovranità tiegħu, meta l-koerċizzjoni tilħaq limitu kwalitattiv jew kwantitattiv partikolari, skont kemm l-objettivi segwiti kif ukoll il-mezzi użati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni **tieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji** kwalitattivi jew kwantitattivi li jgħinu fid-determinazzjoni ta' jekk il-pajjiż terz jindaħalx fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u jekk l-azzjoni tiegħu tikkostitwixxi koerċizzjoni ekonomika li tirrikjedi rispons tal-Unjoni.

Emenda

(13) **Il-Kummissjoni tista' u, b'mod partikolari fil-każ ta' ilment motivat, jenħtieġ li** teżamina jekk il-miżuri ta' pajjiżi terzi humiex koerċittivi, fuq inizjattiva tagħha stess jew wara informazzjoni rċevuta minn kwalunkwe sors, inklużi persuni ġuridiċi u fiżiċi, **il-Parlament Ewropew** jew Stat Membru. Wara dan l-eżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina f'deċiżjoni jekk il-miżura tal-pajjiż terz hijiex koerċittiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkomunika **pubblikament ir-riżultat ta' dan l-eżami. F'każ ta'** determinazzjoni affermattiva, **jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkomunika** lill-pajjiż terz ikkonċernat, flimkien ma' talba li l-koerċizzjoni ekonomika tiegħu u talba, fejn xieraq, li kwalunkwe dannu jiġi kkoreġut.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Jenħtieġ li l-Unjoni **tappoġġa u** tikkoopera ma' **pajjiżi terzi** affettwati mill-istess miżuri jew minn miżuri simili ta' koerċizzjoni ekonomika jew **pajjiżi terzi** interessati oħra. Jenħtieġ li l-Unjoni tipparteċipa fil-koordinazzjoni internazzjonali **f'fora** bilaterali, plurilaterali jew multilaterali li jkunu **mmirati lejn il-prevenzjoni** jew lejn l-eliminazzjoni tal-koerċizzjoni ekonomika.

Emenda

(14) Jenħtieġ li l-Unjoni tikkoopera ma' **sħab** affettwati mill-istess miżuri jew minn miżuri simili ta' koerċizzjoni ekonomika jew **sħab** interessati oħra. Jenħtieġ li l-Unjoni tipparteċipa fil-koordinazzjoni internazzjonali **f'kwalunkwefora** bilaterali, plurilaterali jew multilaterali li jkunu **adattati għall-prevenzjoni** jew lejn l-eliminazzjoni tal-koerċizzjoni ekonomika.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) **Jenħtieġ li l-Unjoni timponi biss kontromiżuri meta meżżi oħra** bħal negozjati, medjazzjoni **jew aġġudikazzjoni** ma jwasslux għall-waqfien immedjat u effettiv tal-koerċizzjoni ekonomika u għar-reparazzjoni tad-dannu li tkun ikkawżat lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha, u fejn tkun meħtieġa azzjoni biex jiġu protetti l-interessi u d-drittijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u jkun fl-interess tal-Unjoni. Huwa xieraq li r-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-impożizzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni u jippermetti azzjoni rapida fejn meħtieġ biex tiġi ppreservata l-effettività ta' kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni.

Emenda

(15) **L-Unjoni hija mħeġġa tuża b'mod proattiv il-meżżi disponibbli kollha ta' parteċipazzjoni mal-pajjiżi terz ikkonċernat** bħal negozjati, **aġġudikazzjoni jew** medjazzjoni **u jenħtieġ li timponi miżuri f'każijiet fejn tali meżżi** ma jwasslux għall-waqfien immedjat u effettiv tal-koerċizzjoni ekonomika u għar-reparazzjoni tad-dannu li tkun ikkawżat lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha, u fejn tkun meħtieġa azzjoni biex jiġu protetti l-interessi u d-drittijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u jkun fl-interess tal-Unjoni. Huwa xieraq li r-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-impożizzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni u jippermetti azzjoni rapida fejn meħtieġ biex tiġi ppreservata l-effettività ta' kwalunkwe miżura ta' rispons tal-

Unjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu magħżula u mfassla abbażi ta' kriterji oġġettivi, inklużi: l-effettività tal-miżuri li jwasslu għall-waqfien tal-koerċizzjoni mill-pajjiż terz; il-potenzjal tagħhom li jipprovdu għajnuna lill-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni affettwati mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiżi terzi; ***l-għan*** li jiġu evitati jew minimizzati l-effetti ekonomiċi u effetti oħra negattivi fuq l-Unjoni; u l-evitar ta' kumplessità u kostijiet amministrattivi sproporzjonati. Huwa essenzjali wkoll li l-għażla u t-tfassil tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jqisu l-interess tal-Unjoni. Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jenħtieġ li jintgħażlu minn firxa wiesgħa ta' għażliet sabiex jippermettu l-adozzjoni tal-aktar miżuri xierqa fi kwalunkwe każ partikolari.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Fit-twettiq tal-oġġettiv li jinkiseb il-waqfien tal-miżura tal-koerċizzjoni

Emenda

(16) Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu magħżula u mfassla abbażi ta' kriterji oġġettivi, inklużi: ***l-ewwel u qabel kollox***, l-effettività tal-miżuri li jwasslu għall-waqfien tal-koerċizzjoni mill-pajjiż terz; ***l-effettività tal-miżuri li jikkoreġu d-dannu kkawżat mill-koerċizzjoni ekonomika***; il-potenzjal tagħhom li jipprovdu għajnuna lill-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni affettwati mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiżi terzi; ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll fatturi rilevanti oħra bħall-għan*** li jiġu evitati jew minimizzati l-effetti ekonomiċi u effetti oħra negattivi fuq l-Unjoni; u l-evitar ta' kumplessità u kostijiet amministrattivi sproporzjonati. Huwa essenzjali wkoll li l-għażla u t-tfassil tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jqisu l-interess tal-Unjoni. Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jenħtieġ li jintgħażlu minn firxa wiesgħa ta' għażliet sabiex jippermettu l-adozzjoni tal-aktar miżuri xierqa fi kwalunkwe każ partikolari.

ekonomika, il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni li jikkonsistu minn restrizzjonijiet fuq l-investment dirett barrani jew il-kummerċ fis-servizzi jenħtieġ li japplikaw biss fir-rigward tas-servizzi pprovduti, jew investimenti diretti magħmula, fl-Unjoni minn persuna ġuridika waħda jew aktar stabbilita fl-Unjoni li jkunu proprjetà ta' persuni tal-pajjiż terz ikkonċernat jew ikkontrollati minnhom fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni u b'mod partikolari biex jiġi evitat l-evitar tagħhom. Id-deċiżjoni li tiġi imposta kwalunkwe restrizzjoni bħal din se tkun iġġustifikata kif xieraq fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament fid-dawl tal-kriterji speċifikati f'dan ir-Regolament.

ekonomika ***u fejn xieraq, ir-reparazzjoni tad-dannu kkawżat***, il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni li jikkonsistu minn restrizzjonijiet fuq l-investment dirett barrani jew il-kummerċ fis-servizzi jenħtieġ li japplikaw biss fir-rigward tas-servizzi pprovduti, jew investimenti diretti magħmula, fl-Unjoni minn persuna ġuridika waħda jew aktar stabbilita fl-Unjoni li jkunu proprjetà ta' persuni tal-pajjiż terz ikkonċernat jew ikkontrollati minnhom fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni u b'mod partikolari biex jiġi evitat l-evitar tagħhom. Id-deċiżjoni li tiġi imposta kwalunkwe restrizzjoni bħal din se tkun iġġustifikata kif xieraq fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament fid-dawl tal-kriterji speċifikati f'dan ir-Regolament.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Huwa essenzjali li jiġu previsti opportunitajiet għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati għall-finijiet tal-adozzjoni u tal-emendar tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, u kif rilevanti għall-finijiet ta' sospensjoni u ta' terminazzjoni, fid-dawl tal-impatt potenzjali fuq tali partijiet ikkonċernati.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Emenda

(20) Huwa essenzjali li jiġu previsti opportunitajiet għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati, ***inklużi n-negozji***, għall-finijiet tal-adozzjoni u tal-emendar tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, u kif rilevanti għall-finijiet ta' sospensjoni u ta' terminazzjoni, fid-dawl tal-impatt potenzjali fuq tali partijiet ikkonċernati.

Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Fid-dawl taż-żieda evidenti fl-użu ta' ingranaġġi ekonomiċi minn pajjiżi barranin kontra l-Unjoni u ż-żieda probabbli fil-frekwenza u l-gravità ta' dawn il-prattiki fil-futur, jenħtieġ li l-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) ikun responsabbli b'mod ġenerali għall-funzjonament u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u anki bil-ħsieb li jsaħħaħ it-tħejjija għal tali każijiet, li jivvaluta d-dipendenzi u l-assi tal-Unjoni, li jadotta l-miżuri kkoordinati meħtieġa u fl-aħħar mill-aħħar li jkun jista' jirreaġixxi fil-pront meta jkun meħtieġ. Tali kompetenza orizzontali tipprovi l-appoġġ meħtieġ lill-Unjoni sabiex tkun tista' tantiċipa aħjar u tirreaġixxi b'mod effettiv għall-koerċizzjoni ekonomika.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) Huwa importanti li jiġu żgurati **komunikazzjoni** u skambju effettivi ta' fehmiet u informazzjoni bejn il-Kummissjoni minn naħa u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill min-naħa l-oħra, b'mod partikolari dwar l-isforzi li jkun hemm involviment mal-pajjiż terz ikkonċernat biex jiġu esplorati għażliet bil-ħsieb li jinkiseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika u dwar kwistjonijiet li jistgħu jwasslu għall-adozzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

(21) Huwa importanti li jiġu żgurati **djalogu** u skambju effettivi u regolari ta' fehmiet u informazzjoni bejn il-Kummissjoni minn naħa u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill min-naħa l-oħra, b'mod partikolari dwar **l-eżamijiet li qed isiru attwalment jew dwar il-miżuri ta' pajjiżi terzi, dwar** l-isforzi li jkun hemm involviment mal-pajjiż terz ikkonċernat biex jiġu esplorati għażliet bil-ħsieb li jinkiseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika **jew, fejn xieraq, ir-reparazzjoni tad-dannu kkawżat** u dwar kwistjonijiet li jistgħu jwasslu għall-adozzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni

skont dan ir-Regolament, *inklużi l-istadji tal-eżami tal-miżuri ta' pajjiżi terzi u tad-determinazzjoni fir-rigward tal-miżuri tal-koerzzjoni ekonomika u dwar l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni.*

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-miżuri adottati skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-effettività u l-operat tagħhom u fir-rigward tal-konklużjonijiet possibbli għal miżuri futuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll dan ir-Regolament wara li tikseb esperjenza suffiċjenti bl-eżistenza jew bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan *ir-rieżami jkopri* l-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament, l-effiċjenza u l-effettività ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-valutazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,

Emenda

(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-miżuri adottati skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-effettività u l-operat tagħhom u fir-rigward tal-konklużjonijiet possibbli għal miżuri futuri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll dan ir-Regolament wara li tikseb esperjenza suffiċjenti bl-eżistenza jew bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, *u b'mod partikolari sabiex tiżgura l-komplementarjetà mar-rieżami li ġej tal-Istatut ta' Mblukkar^{1a}*. Jenħtieġ li *r-rieżami ta'* dan *ir-Regolament ikopri* l-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonament, l-effiċjenza u l-effettività ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-valutazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,

^{1a} *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni ekstrasettorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiżi terzi, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1).*

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli u proċeduri sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fejn pajjiż terz ifittex, permezz ta' ***miżuri*** li ***jaffettwaw il-kummerċ*** jew l-investment, li jġiegħel lill-Unjoni jew lil Stat Membru jadotta jew jonqos milli jadotta att partikolari. Dan ir-Regolament jipprovdi qafas għall-Unjoni biex tirreaġixxi ***f'sitwazzjonijiet*** bħal dawn bl-għan li tiskoraġġixxi, jew li twaqqaf ***lill-pajjiż terz milli jwettaq tali azzjonijiet, filwaqt li jippermetti lill-Unjoni, fl-aħħar istanza, li tikkontrobatti tali azzjonijiet.***

Emenda

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli u proċeduri sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fejn pajjiż terz ifittex, permezz ta' ***kwalunkwe forma ta' azzjoni, omissjoni ta' azzjoni jew theddida ta' dan*** li ***taffettwa l-kummerċ*** jew l-investment, li jġiegħel lill-Unjoni jew lil Stat Membru jadotta jew jonqos milli jadotta att partikolari, ***inklużi għażla ta' politika partikolari, att ġuridiku jew pożizzjoni fir-rigward ta' għażla ta' politika.*** Dan ir-Regolament jipprovdi qafas għall-Unjoni biex tirreaġixxi ***f'sitwazzjonijiet*** bħal dawn bl-għan li tiskoraġġixxi, jew li twaqqaf ***tali azzjonijiet u, fejn xieraq, tikseb ir-reparazzjoni tad-dannu kkawżat, biex b'hekk l-Unjoni tkun tista' tikkontrobatti tali azzjonijiet.***

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti mal-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali ***u mwettqa fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.***

Emenda

2. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti mal-obbligi tal-Unjoni skont id-dritt internazzjonali.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 1a

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1. "koerċizzjoni" tfisser kwalunkwe azzjoni jew miżura ta' pajjiż terz li tinterferixxi fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru billi jfittex li jipprevjeni jew li jikseb il-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari mill-Unjoni jew minn Stat Membru;*
- 2. "azzjoni jew miżura ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe tip ta' azzjoni jew miżura, nuqqas ta' azzjoni jew theddid korrispondenti imputabbli lill-pajjiż terz rilevanti; 3. "att partikolari" tfisser għażla ta' politika, att ġuridiku jew pożizzjoni partikolari fir-rigward ta' għażla ta' politika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;*
- 4. "omissjoni ta' azzjoni" tfisser nuqqas minn pajjiż terz li jikkonforma mal-obbligi tiegħu fi strumenti legalment vinkolanti tad-dritt internazzjonali;*
- 5. "theddida ta' koerċizzjoni" tfisser theddida sostanzjata ta' azzjoni jew miżura ta' pajjiż terz li tkun kredibbli, sinifikanti, u li tista' tintuża malajr u faċilment; 6. "koerċizzjoni ekonomika" tfisser koerċizzjoni permezz ta' azzjoni jew miżura ta' pajjiż terz li taffettwa l-kummerċ jew l-investment;*
- 7. "dannu" tfisser l-impatt negattiv imġarrab mill-Unjoni jew minn Stat Membru, inklużi l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni;*
- 8. "miżura ta' rispons tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe miżura li taderixxi mal-obbligi internazzjonali tal-*

Unjoni jew permessa fid-dritt internazzjonali fir-rigward tal-pajjiż terz responsabbli għall-koerċizzjoni ekonomika, li tkun proporzjonata għad-dannu mġarrab mill-Unjoni jew minn Stat Membru u li jkollha l-għan li tikseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika u, fejn xieraq, ir-riparazzjoni għad-dannu kkawżat;

9. "interest tal-Unjoni" tfisser l-ewwel u qabel kollox il-ħtieġa li jiġi ppreservat l-ispazju tal-politika tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha li jagħmlu għażliet sovrani leġittimi fl-iżgurar tal-koeżjoni soċjali, politika u ekonomika tal-Unjoni, u d-difiża tal-interessi strateġiċi u ekonomiċi tagħha.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament japplika meta pajjiż terz:

Emenda

1. Dan ir-Regolament japplika **biss fil-każ ta' koerċizzjoni ekonomika** meta pajjiż terz:

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – indċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– **billi** japplika jew jhedded li japplika miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment.

Emenda

– japplika jew jhedded li japplika miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investment.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagraph 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tali azzjonijiet ta' pajjiżi terzi għandhom jissejħu miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika.

imħassar

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Fid-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 humiex issodisfati, ***għandu jitqies*** dan li ġej:

2. Fid-determinazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 humiex issodisfati, ***il-Kummissjoni għandha tqis*** dan li ġej:

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-intensità, is-severità, il-frekwenza, id-durata, il-wisa' u l-kobor tal-kejl tal-pajjiż terz ***u l-pressjoni*** li tirriżulta minnu;

(a) l-intensità, is-severità, il-frekwenza, id-durata, il-wisa' u l-kobor tal-kejl ***tal-miżura*** tal-pajjiż terz ***jew omissjoni ta' azzjoni jew theddida ta' dan, kif ukoll il-pressjoni*** li tirriżulta minnu; ***il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk tali miżuri humiex parti minn mudell usa' ta' mġiba;***

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jekk il-pajjiż terz ikunx involut f'tendenza ta' interferenza bil-għan li jikseb atti partikolari mill-Unjoni jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi oħra;

Emenda

(b) jekk il-pajjiż terz ikunx involut f'tendenza **ċara** ta' interferenza bil-għan li jikseb atti partikolari mill-Unjoni jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi oħra;

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-punt sa fejn il-miżura **tal-pajjiż** terz **tidħol** f'qasam tas-sovranità tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;

Emenda

(c) il-punt sa fejn il-miżura **jew l-omissjoni ta' azzjoni jew theddid ta' dan minn naħa ta' pajjiż** terz **jinċidu** f'qasam tas-sovranità tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) jekk il-pajjiż terz ikunx qed jaġixxi abbażi ta' tħassib **leġittimu** li jkun rikonoxxut **fuq livell** internazzjonali;

Emenda

(d) jekk il-pajjiż terz ikunx qed jaġixxi abbażi ta' tħassib li jkun rikonoxxut **bħala leġittimu skont id-dritt u l-kovenzjonijiet** internazzjonali;

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' teżamina kwalunkwe miżura ta' pajjiż terz sabiex

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista' **jew, fil-każ ta' ilment debitament motivat, għandha**

tiddetermina jekk *tissodisfax* il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1). Il-Kummissjoni għandha taġixxi malajr.

teżamina kwalunkwe miżura ta' pajjiż terz, *ommissjoni ta' azzjoni jew theddida ta' dan* sabiex tiddetermina jekk *jissodisfawx* il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1). Il-Kummissjoni għandha taġixxi malajr.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni *tista'* twettaq l-eżami msemmi fil-paragrafu 1 fuq inizjattiva taġġha stess jew *wara* informazzjoni riċevuta minn kwalunkwe sors. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 12, li tista' tinkludi *l-identità* tal-fornitur tal-informazzjoni.

Emenda

2. Il-Kummissjoni *għandha* twettaq l-eżami msemmi fil-paragrafu 1 *abbażi tal-informazzjoni sostanzjata miġbura* fuq inizjattiva taġġha stess jew informazzjoni riċevuta minn kwalunkwe sors *affidabbli, b'mod partikolari l-operaturi ekonomiċi jew it-trade unions. Il-Parlament Ewropew u Stat Membru jistgħu wkoll jipprovdu tali informazzjoni sostanzjata lill-Kummissjoni.* Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 12, li tista' tinkludi *l-ħabi tal-identità* tal-fornitur tal-informazzjoni. *Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi għodod diġitali disponibbli għall-pubbliku sabiex tiffaċilita s-sottomissjoni ta' informazzjoni rilevanti u sostanzjata minn sorsi esterni.*

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista' tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea *jew* permezz ta' mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni pubblika xierqa *bi* stedina għas-sottomissjoni ta' informazzjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tinforma debitament, anki fil-forma ta' skambju ta' fehmiet, u f'ħin utli lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tnedija ta' eżami u kwalunkwe żvilupp f'eżami li qed

f'limitu ta' żmien speċifikat. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat bil-bidu tal-eżami.

iseħħ tal-miżuri ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni tista' tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u permezz ta' mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni pubblika xierqa ***tat-tnedija ta' proċedura ta' eżami. L-avviż għandu jinkludi*** stedina għas-sottomissjoni ta' informazzjoni f'limitu ta' żmien speċifikat ***u indikazzjoni tal-iskeda taż-żmien għad-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, li ma għandhiex taqbeż sitt xhur.*** F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat bil-bidu tal-eżami.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Wara eżami mwettaq f'konformità mal-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddetermina jekk il-miżura tal-pajjiż terz ikkonċernat tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1). Il-Kummissjoni għandha taġixxi malajr.

Emenda

Wara eżami mwettaq f'konformità mal-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddetermina jekk il-miżura tal-pajjiż terz ikkonċernat tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1). ***Meta ma jkun ġie ppubblikat l-ebda avviż skont l-Artikolu 3 u fil-każ ta' determinazzjoni affermativa, id-deċiżjoni għandha tinkludi indikazzjoni tal-iskeda ta' żmien għall-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 7, li ma għandhiex taqbeż is-sitt xhur. Għal raġunijiet imperattivi debitament ġustifikati sabiex tiġi evitata ħsara irreparabbli lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni tista' testendi dik l-iskeda ta' żmien sa erba' xhur oħra.*** Il-Kummissjoni għandha taġixxi malajr. ***Il-Kummissjoni għandha tinforma, anki fil-forma ta' skambju ta' fehmiet, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-deċiżjoni u tippubblikaha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

*u permezz ta' mezzi oħra ta'
komunikazzjoni pubblika xierqa.*

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tistieden lill-pajjiż terz ikkonċernat jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

Emenda

Qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tistieden lill-pajjiż terz ikkonċernat jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu, ***f'perjodu ta' żmien raġonevoli u speċifikat li ma għandux idewwem bla bżonn id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.***

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li l-miżura tal-pajjiż terz ikkonċernat tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1), hija għandha tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat bid-deċiżjoni tagħha u ***titolbu jwaqqaf*** il-koerċizzjoni ekonomika u, fejn xieraq, isewwi d-dannu mġarrab mill-Unjoni jew mill-Istati Membri tagħha.

Emenda

Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li l-miżura tal-pajjiż terz ikkonċernat tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1), hija għandha tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat bid-deċiżjoni tagħha u ***titolb lil dak il-pajjiż terz iwaqqaf*** il-koerċizzjoni ekonomika ***immedjatament*** u, fejn xieraq, isewwi d-dannu mġarrab mill-Unjoni jew mill-Istati Membri tagħha ***f'perjodu ta' żmien raġonevoli u speċifikat.***

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tkun **miftuħa biex tinvolvi ruħha** fisem l-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat, biex tesplora għażliet bil-għan li tikseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika. Tali għażliet jistgħu jinkludu:

Emenda

Insegwitu tal-avviż imsemmi fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tkun **disposta tipparteċipa** fisem l-Unjoni **fi djalogu** mal-pajjiż terz ikkonċernat **u, dejjem jekk il-pajjiż ikkonċernat ukoll jipparteċipa in bona fide, għandha tagħmel dan b'mod proattiv**, biex tesplora għażliet bil-għan li tikseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika **u, fejn xieraq, ir-reparazzjoni tad-dannu kkawżat għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha**. Tali għażliet **ma għandhomx idewmu bla bżonn il-proċedura u** jistgħu jinkludu:

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

— **medjazzjoni, konċiljazzjoni jew uffiċċji tajbin biex jassistu lill-Unjoni u lill-pajjiż terz ikkonċernat f'dawn l-isforzi;**

Emenda

deleted

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– is-sottomissjoni tal-kwistjoni lill-aġġudikazzjoni internazzjonali.

Emenda

– is-sottomissjoni, **ukoll b'mod parallel mal-għażliet l-oħra**, tal-kwistjoni lill-aġġudikazzjoni internazzjonali.

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *medjazzjoni, konċiljazzjoni jew uffiċċji tajbin biex jassistu lill-Unjoni u lill-pajjiż terz ikkonċernat f'dawn l-isforzi,*

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati *bl-iżviluppi rilevanti*.

Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati *bis-sħiħ, b'mod regolari u fi żmien utli, anki fil-forma ta' skambju ta' fehmiet, u għandha tinnotifikahom b'kwalunkwe żvilupp fid-djalogu mal-pajjiż terz ikkonċernat.*

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet jew f'kooperazzjoni, f'isem l-Unjoni, ma' kwalunkwe pajjiż ieħor affettwat mill-istess miżuri jew minn miżuri simili ta' koerċizzjoni ekonomika jew ma' kwalunkwe pajjiż terz interessat, bil-ħsieb li tikseb il-waqfien tal-koerċizzjoni. Dan jista' jinvolvi, fejn xieraq, koordinazzjoni f'fora internazzjonali rilevanti u koordinazzjoni *b'reazzjoni* għall-koerċizzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet jew f'kooperazzjoni, f'isem l-Unjoni, ma' kwalunkwe pajjiż *u sieħeb* ieħor affettwat mill-istess miżuri jew minn miżuri simili ta' koerċizzjoni ekonomika jew ma' kwalunkwe pajjiż terz *u sieħeb* interessat, bil-ħsieb li tikseb il-waqfien tal-koerċizzjoni. Dan jista' jinvolvi, fejn xieraq, koordinazzjoni *fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni u esperjenzi relatati biex jiġi ffaċilitat rispons kollettiv u koerenti għal tali miżuri koerċittivi, u koordinazzjoni* f'fora internazzjonali rilevanti u koordinazzjoni

b'rispons għall-koerċizzjoni. Tali konsultazzjoni jew kooperazzjoni ma għandhiex iddewwem bla bżonn l-applikazzjoni ta' dan l-istrument. Il-Kummissjoni għandha tinforma, anki fil-forma ta' skambju ta' fehmiet, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konsultazzjoni jew il-kooperazzjoni.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha ***tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina li għandha*** tiegħu miżura ta' rispons tal-Unjoni meta:

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżura ta' rispons tal-Unjoni ***permezz ta' att ta' implimentazzjoni minn fost il-miżuri previsti fl-Anness I fejn:***

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-azzjoni skont l-Artikoli 4 u 5 ma tkunx irriżultat fil-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika u ***fir-rimedju*** tad-dannu li tkun ikkawżat lill-Unjoni jew ***lil Stat Membru f'perjodu*** ta' żmien ***raġonevoli***;

Emenda

(a) l-azzjoni skont l-Artikoli 4 u 5 ma tkunx irriżultat fil-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika u, ***fejn xieraq, fir-reparazzjoni*** tad-dannu li tkun ikkawżat lill-Unjoni jew ***lill-Istati Membri tagħha fil-perjodu*** ta' żmien ***stabbilit fid-deċizzjoni msemmija fl-Artikolu 4;***

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-azzjoni hija fl-interess tal-Unjoni.

Emenda

(c) l-azzjoni hija fl-interess tal-Unjoni ***fil-każ partikolari ta' koerċizzjoni ekonomika taħt eżami.***

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina wkoll ir-rispons xieraq tal-Unjoni ***minn fost il-miżuri previsti fl-Anness I.*** Tali miżuri jistgħu japplikaw ukoll fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi maħtura f'konformità mal-Artikolu 8. ***Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll miżuri li tista' tieħu skont strumenti legali oħrajn.***

Emenda

Fl-att ta' implimentazzjoni ***msemmi fl-ewwel subparagrafu,*** il-Kummissjoni għandha ***tiġġustifika r-rispett tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-punti (a), (b) u (c).*** ***Hija għandha tiddetermina u tiġġustifika*** wkoll ir-rispons xieraq tal-Unjoni. Tali miżuri jistgħu japplikaw ukoll fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi maħtura f'konformità mal-Artikolu 8.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Emenda

L-att ta' implimentazzjoni ***msemmi fl-ewwel subparagrafu*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). ***Il-Kummissjoni għandha tinforma, anki fil-forma ta' skambju ta' fehmiet, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-att ta' implimentazzjoni u tippubblikah f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u permezz ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni pubblika xierqa.***

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll miżuri li mhumiex elenkati fl-Anness I skont strumenti legali oħrajn. Kwalunkwe adozzjoni bħal din għandha tkun ikkoordinata u konsistenti ma' azzjoni fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni għandhom japplikaw minn data speċifikata wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi din id-data ta' applikazzjoni, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi, biex tippermetti n-notifika tal-pajjiż terz ikkonċernat skont il-paragrafu 3 u biex dan iwaqqaf il-koerċizzjoni ekonomika.

2. Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni għandhom japplikaw minn data speċifikata wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ***u f'kwalunkwe każ fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tiegħu.*** Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi din id-data ta' applikazzjoni, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi, biex tippermetti n-notifika tal-pajjiż terz ikkonċernat skont il-paragrafu 3 u biex dan iwaqqaf il-koerċizzjoni ekonomika ***u, fejn xieraq, tikkoreġi d-dannu kkawżat.***

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha, mal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni, tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat dwar

3. Il-Kummissjoni għandha, mal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni, tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat dwar

il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati skont il-paragrafu 1. Fin-notifika, il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, titlob lill-pajjiż terz ikkonċernat biex iwaqqaf **minnufih** il-koerċizzjoni ekonomika, toffri li tiġi nnegożjata soluzzjoni, u tinforma lill-pajjiż terz ikkonċernat li l-miżura ta' rispons tal-Unjoni se tapplika, sakemm ma tiqafx il-koerċizzjoni ekonomika.

il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati skont il-paragrafu 1. Fin-notifika, il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, titlob lill-pajjiż terz ikkonċernat biex iwaqqaf **immedjatament** il-koerċizzjoni ekonomika, toffri li tiġi nnegożjata soluzzjoni **anki, fejn xieraq, fir-rigward tar-reparazzjoni tad-dannu kkawżat mill-pajjiż terz lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha**, u tinforma lill-pajjiż terz ikkonċernat li l-miżura ta' rispons tal-Unjoni se tapplika, sakemm ma tiqafx il-koerċizzjoni ekonomika **jew, fejn xieraq, meta l-pajjiż terz jikkoreġi d-dannu kkawżat.**

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara li l-applikazzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni għandha tiġi differita għal perjodu speċifikat **f'dan** l-att ta' implimentazzjoni, meta l-Kummissjoni jkollha informazzjoni kredibbli li l-pajjiż terz ikun **waqqaf** il-koerċizzjoni ekonomika qabel il-bidu tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jindika li hemm tali informazzjoni u d-data minn meta għandu japplika d-differiment. Jekk il-pajjiż terz iwaqqaf il-koerċizzjoni ekonomika qabel ma jibdew japplikaw il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha ttemm il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 10.

Emenda

4. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara li l-applikazzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni għandha tiġi differita, **iżda biss** għal perjodu **li jkun neċessarju għall-Kummissjoni biex tivverifika l-waqfien effettiv tal-koerċizzjoni jew it-theddida ta' din u dan jeħtieġ li jiġi** speċifikat **f'dak** l-att ta' implimentazzjoni, meta l-Kummissjoni jkollha informazzjoni kredibbli li l-pajjiż terz ikun **ħa passi konreti biex iwaqqaf** il-koerċizzjoni ekonomika **jew it-theddida ta' din jew, fejn xieraq, ikun ikkoreġa d-dannu kkawżat** qabel il-bidu tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jindika li hemm tali informazzjoni u d-data minn meta għandu japplika d-differiment. Jekk il-pajjiż terz iwaqqaf il-koerċizzjoni ekonomika, **jew, fejn xieraq, jikkoreġi d-**

dannu kkawżat qabel ma jibded japplikaw il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha ttemm il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 10.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. *Minkejja l-paragrafi 2, 3 u 4*, il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jistgħu japplikaw mingħajr ma l-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, l-ewwel titlob, għal darb'oħra, lill-pajjiż terz ikkonċernat iwaqqaf il-koerċizzjoni ekonomika jew mingħajr ma l-Kummissjoni l-ewwel nett tinnotifikah li se tapplika l-miżura ta' rispons tal-Unjoni, meta dan ikun meħtieġ għall-preservazzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, b'mod partikolari tal-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni.

Emenda

5. Il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jistgħu japplikaw mingħajr ma l-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, l-ewwel titlob, għal darb'oħra, lill-pajjiż terz ikkonċernat iwaqqaf il-koerċizzjoni ekonomika jew mingħajr ma l-Kummissjoni l-ewwel nett tinnotifikah li se tapplika l-miżura ta' rispons tal-Unjoni *skont il-paragrafu 3*, meta dan ikun meħtieġ għall-preservazzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, b'mod partikolari tal-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati biex tiġi evitata ħsara irreparabbli lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika, il-Kummissjoni għandha *tadotta minnufih* atti ta' implimentazzjoni applikabbli li jimponu miżuri ta' rispons tal-Unjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3). Għandhom japplikaw ir-

Emenda

6. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati biex tiġi evitata ħsara irreparabbli lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika, il-Kummissjoni għandha *tieħu miżura ta' rispons tal-Unjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(1) bħala* atti ta' implimentazzjoni applikabbli *minnufih* li jimponu miżuri ta' rispons tal-

rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5. Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' *mhux aktar minn tliet xhur*.

Unjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3). Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 u *l-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 5 jiġu meqjusa sodisfatti*. Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu *li ma jaqbiżx it-tliet xhur u wara dan il-perjodu il-miżuri jistgħu jiġu adottati permezz ta' att ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) jekk meħtieġ. Il-Kummissjoni għandha tinforma, anki fil-forma ta' skambju ta' fehmiet, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-atti ta' implimentazzjoni u tippubblikahom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u permezz ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni pubblika xierqa.*

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex temenda l-lista prevista fl-Anness I sabiex tipprovdi tipi addizzjonali ta' miżuri b'rispons għal miżura ta' pajjiż terz. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati bħal dawn fejn it-tipi ta' miżuri ta' rispons:

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex temenda l-lista prevista fl-Anness I sabiex tipprovdi tipi addizzjonali ta' miżuri b'rispons għal miżura ta' pajjiż terz, *wara li tkun informat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-atti delegati*. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati bħal dawn fejn it-tipi ta' miżuri ta' rispons:

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kwalunkwe miżura ta' rispons tal-

Emenda

1. Kwalunkwe miżura ta' rispons tal-

Unjoni *ma għandhiex taqbeż il-livell li jkun proporzjonat għad-dannu* mġarrab mill-Unjoni jew minn Stat Membru minħabba l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiż terz, *filwaqt li tqis il-gravità tal-miżuri tal-pajjiż terz u d-drittijiet inkwistjoni.*

Unjoni *għandha tkun proporzjonata mal-livell tad-dannu* mġarrab mill-Unjoni jew minn Stat Membru minħabba l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiż terz, *l-impatt ekonomiku li daww il-miżuri qed ikollhom fuq l-Unjoni jew fuq Stat Membru u għandha tkun effettiva fil-preservazzjoni tad-drittijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jagħmlu għażliet sovrani leġittimi fir-rigward ta' atti, politiki jew pożizzjonijiet partikolari.*

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tagħżel u tfassal miżura ta' rispons xierqa li tqis id-determinazzjoni magħmula skont l-Artikolu 4, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(2) *u l-interess tal-Unjoni*, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż kif miġbura skont l-Artikolu 11, u l-kriterji li ġejjin:

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tagħżel u tfassal miżura ta' rispons xierqa li tqis id-determinazzjoni magħmula skont l-Artikolu 4, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż kif miġbura skont l-Artikolu 11, u l-kriterji li ġejjin:

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-effettività tal-miżuri li jwasslu għall-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika;

Emenda

(a) l-effettività tal-miżuri li jwasslu għall-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika *u, meta xieraq, ir-reparazzjoni tad-dannu kkawżat lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha;*

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tapplika miżuri ta' rispons tal-Unjoni skont l-Artikoli 7 jew 8 li jikkonsistu f'restrizzjonijiet fuq l-investment dirett barrani jew fuq il-kummerċ f'servizzi anki fir-rigward ta' servizzi pprovduti, jew investimenti diretti magħmula, fl-Unjoni minn persuna ġuridika waħda jew aktar stabbiliti fl-Unjoni u li huma proprjetà ta' persuni tal-pajjiż terz ikkonċernat jew ikkontrollati minnhom fejn meħtieġ, biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar tali applikazzjoni fejn miżuri ta' rispons tal-Unjoni li ma jkoprox sitwazzjonijiet bħal dawn ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu b'mod effettiv l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fejn tali miżuri ***jistgħu jiġu evitati***. Fil-valutazzjoni ta' jekk tiġix adottata tali deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, minbarra l-kriterji fil-paragrafi 1 u 2, fost affarijiet oħra:

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-kontribut effettiv ta' restrizzjonijiet intra-Unjoni bħal dawn għall-oġettiv li jinkiseb il-waqfien tal-miżura ta' koerċizzjoni ekonomika;

Emenda 58

Emenda

3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tapplika miżuri ta' rispons tal-Unjoni skont l-Artikoli 7 jew 8 li jikkonsistu f'restrizzjonijiet fuq l-investment dirett barrani jew fuq il-kummerċ f'servizzi anki fir-rigward ta' servizzi pprovduti, jew investimenti diretti magħmula, fl-Unjoni minn persuna ġuridika waħda jew aktar stabbiliti fl-Unjoni u li huma proprjetà ta' persuni tal-pajjiż terz ikkonċernat jew ikkontrollati minnhom fejn meħtieġ, biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar tali applikazzjoni fejn miżuri ta' rispons tal-Unjoni li ma jkoprox sitwazzjonijiet bħal dawn ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu b'mod effettiv l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fejn ***l-effett ta' tali miżuri jista' jiġi evitat jew newtralizzat***. Fil-valutazzjoni ta' jekk tiġix adottata tali deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, minbarra l-kriterji fil-paragrafi 1 u 2, fost affarijiet oħra:

(b) il-kontribut effettiv ***possibbli*** ta' restrizzjonijiet intra-Unjoni bħal dawn għall-oġettiv li jinkiseb il-waqfien tal-miżura ta' koerċizzjoni ekonomika;

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kriterji għall-għażla u t-tfassil ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt rieżami l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika implimentati minn pajjiż terz li jkunu skattaw il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati u l-effetti tagħhom fuq l-interessi tal-Unjoni u għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati b'dan.

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt rieżami l-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika implimentati minn pajjiż terz li jkunu skattaw il-miżuri ta' rispons tal-Unjoni, l-effettività tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni adottati u l-effetti tagħhom fuq l-interessi tal-Unjoni u għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati ***regolarment*** b'dan.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Fejn il-pajjiż terz ikkonċernat jissospendi ***l-koerċizzjoni*** ekonomika, ***jew fejn dan ikun meħtieġ fl-interess tal-Unjoni***, il-Kummissjoni ***tista'*** tissospendi l-applikazzjoni tal-miżura rispettiva ta' rispons tal-Unjoni għad-durata tas-sospensjoni tal-pajjiż terz, jew ***sakemm*** ikun meħtieġ ***fid-dawl tal-interess*** tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tissospendi l-miżuri ta' rispons tal-Unjoni jekk il-pajjiż terz ikkonċernat ikun offra, u

2. Fejn il-pajjiż terz ikkonċernat jissospendi ***kompletament il-koerċizzjoni*** ekonomika, il-Kummissjoni ***għandha*** tissospendi l-applikazzjoni tal-miżura rispettiva ta' rispons tal-Unjoni għad-durata tas-sospensjoni tal-pajjiż terz jew, ***fejn*** ikun meħtieġ ***fl-interess tal-Unjoni***, ***il-Kummissjoni tista'*** tissospendi l-applikazzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni ***sakemm ikun meħtieġ***. Il-Kummissjoni għandha tissospendi l-miżuri

l-Unjoni tkun ikkonkludiet, ftehim biex il-kwistjoni titressaq għal aġġudikazzjoni internazzjonali vinkolanti ta' parti terza u ***l-pajjiż*** terz ikun ***qed jissospendi wkoll*** il-miżuri tiegħu ta' koerċizzjoni ekonomika. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tissospendi l-miżura ta' rispons tal-Unjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

ta' rispons tal-Unjoni jekk il-pajjiż terz ikkonċernat ikun offra, u l-Unjoni tkun ikkonkludiet, ftehim biex il-kwistjoni titressaq għal aġġudikazzjoni internazzjonali vinkolanti ta' parti terza ***kif imsemmija fl-Artikolu 5 u jekk il-pajjiż*** terz ikun ***ukoll waqqaf*** il-miżuri tiegħu ta' koerċizzjoni ekonomika ***u jimpenja ruħu li jappoġġa u jirrispetta l-aġġudikazzjoni ta' parti terza***. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi li tissospendi l-miżura ta' rispons tal-Unjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn ikun meħtieġ li jsiru aġġustamenti għall-miżuri ta' rispons tal-Unjoni filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 9 (2), jew żviluppi ulterjuri, inkluża r-reazzjoni tal-pajjiż terz, il-Kummissjoni ***tista'***, kif xieraq, temenda ***l-miżuri*** ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 7, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Emenda

3. Fejn ikun meħtieġ li jsiru aġġustamenti għall-miżuri ta' rispons tal-Unjoni filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 9 (2), jew żviluppi ulterjuri, inkluża r-reazzjoni tal-pajjiż terz, il-Kummissjoni ***għandha***, kif xieraq, temenda ***malajr il-miżuri*** ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 7, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) meta l-koerċizzjoni ekonomika tkun waqfet;

Emenda

(a) meta l-koerċizzjoni ekonomika tkun waqfet ***u kien hemm reparazzjoni għad-dannu kkawżat;***

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) meta deċiżjoni vinkolanti f'aġġudikazzjoni internazzjonali ta' parti terza f'tilwim bejn il-pajjiż terz ikkonċernat u l-Unjoni jew Stat Membru tirrikjedi l-irtirar tal-miżura ta' rispons tal-Unjoni;

Emenda

(c) meta deċiżjoni vinkolanti f'aġġudikazzjoni internazzjonali ta' parti terza f'tilwim bejn il-pajjiż terz ikkonċernat u l-Unjoni jew Stat Membru tirrikjedi l-irtirar tal-miżura ta' rispons tal-Unjoni ***sakemm il-pajjiż terz ikun ħa passi konkreti biex jimplimenta d-deċiżjoni; or***

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli li jissospendu, ***li*** jemendaw jew li ***jtemmu l-miżuri*** ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 7. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3) u għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn.

Emenda

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli li jissospendu jew li jemendaw ***il-miżuri*** ta' rispons tal-Unjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 7. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(3) u ***dawn*** għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn xahrejn, ***li warajhom jista' jiġi adottat att ta' implimentazzjoni msemmi fil-***

paragrafi 2, 3 jew 4, skont kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat mingħajr dewmien bid-deċiżjoni u l-ġustifikazzjoni tagħha.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Qabel l-adozzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni jew l-emendar ta' tali miżuri, il-Kummissjoni għandha, u qabel is-sospensjoni jew it-terminazzjoni ta' tali miżuri, rispettivament, il-Kummissjoni tista' tfittex informazzjoni u fehmiet dwar l-impatt ekonomiku fuq l-operaturi tal-Unjoni **u l-interess tal-Unjoni**, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew permezz ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni pubblika xierqa. L-avviż għandu jindika l-perjodu li fih għandu jiġi ppreżentat l-input.

Emenda

1. Qabel l-adozzjoni ta' miżuri ta' rispons tal-Unjoni jew l-emendar ta' tali miżuri, il-Kummissjoni għandha, u qabel is-sospensjoni jew it-terminazzjoni ta' tali miżuri, rispettivament, il-Kummissjoni tista' tfittex informazzjoni u fehmiet dwar l-impatt ekonomiku fuq l-operaturi tal-Unjoni **kif meħtieġ**, permezz ta' avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew permezz ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni pubblika xierqa. L-avviż għandu jindika l-perjodu li fih għandu jiġi ppreżentat l-input.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fit-twettiq tal-ġbir tal-informazzjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma u tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija, affettwati minn miżuri possibbli ta' rispons tal-Unjoni, u lill-Istati Membri involuti fit-tħejjija jew fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-oqsma affettwati.

Emenda

3. Fit-twettiq tal-ġbir tal-informazzjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma u tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija **u s-sħab soċjali tal-Unjoni**, affettwati minn miżuri possibbli ta' rispons tal-Unjoni, u lill-Istati Membri involuti fit-tħejjija jew fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li

tirregola l-oqsma affettwati.

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-interazzjoni ta' tali miżuri mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Istati Membri;

Emenda

(b) l-interazzjoni ta' tali miżuri mal-leġiżlazzjoni rilevanti **tal-Unjoni u** tal-Istati Membri;

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) *l-interest tal-Unjoni.*

Emenda

(d) ***l-effett ta' tali miżuri fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-miżuri koerċittivi tal-pajjiż terz.***

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tqis b'mod sħiħ l-informazzjoni miġbura matul l-eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni. Analiżi tal-miżuri previsti għandha takkumpanja l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni meta jiġi ppreżentat lill-kumitat fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tqis b'mod sħiħ l-informazzjoni miġbura matul l-eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni. Analiżi tal-miżuri previsti u l-impatti potenzjali tagħhom għandha takkumpanja l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni meta jiġi ppreżentat lill-kumitat fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'tali analiżi f'konformità mal-Artikolu 10 tar-***

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. ***Qabel*** l-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(6) jew l-Artikolu 10(5), ***il-Kummissjoni għandha tfittex informazzjoni u fehmiet mill-partijiet ikkonċernati rilevanti b'mod immirat, sakemm ir-raġunijiet*** imperattivi ta' urġenza ma ***jkunux*** tali li t-tfittxija għall-informazzjoni u l-konsultazzjonijiet ma jkunux possibbli jew ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet oġġettivi, pereżempju biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

Emenda

6. ***Il-Kummissjoni għandha tfittex informazzjoni u fehmiet mill-partijiet rilevanti kkonċernati speċjalment mill-operaturi ekonomiċi affettwati mill-koerċizzjoni ekonomika, bħala prinċipju ġenerali qabel*** l-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(6) jew l-Artikolu 10(5), ***sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' raġunijiet*** imperattivi ta' urġenza ma ***tkunx*** tali li t-tfittxija għall-informazzjoni u l-konsultazzjonijiet ma jkunux possibbli jew ma jkunux meħtieġa għal raġunijiet oġġettivi, pereżempju biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

L-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ

L-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-koordinazzjoni tiegħu ma' għodod oħra relatati mal-antikoerċizzjoni bħall-Istatut ta' Mblukkar^{1a}. Għall-finijiet ta' dan ir-

Regolament, is-CTEO ghandu:

(a) *jiġbor informazzjoni u jipprovdni analiżi tal-kostijiet u tad-data bl-għan li jiddetermina n-natura tal-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika;*

(b) *jaġixxi, f'konformità sħiħa mal-prinċipju tal-kunfidenzjalità, bħala l-punt ta' kuntatt ewlieni għan-negozji tal-UE u l-partijiet ikkonċernati tas-settur privat affettwati mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika, inkluż fir-rigward tal-assistenza li għandha tiġi pprovduta fil-kuntest tal-koerċizzjoni ekonomika li għaddejja bħalissa;*

^{1a} Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1).

Emenda 72

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-informazzjoni riċevuta skont dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-għan li għalih tkun ġiet mitluba.

Emenda

1. L-informazzjoni riċevuta skont dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-għan li għalih tkun ġiet **ipprovduta**, mitluba **jew miksuba**.

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Min jipprovdi l-informazzjoni jista' jitlob li l-informazzjoni pprovduta tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali. F'każijiet bħal dawn, l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn sommarju mhux kunfidenzjali jew minn dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex ma jistax isir sommarju ta' din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri jew l-uffiċjali tagħhom **ma għandhom** jiżvelaw **l-ebda** informazzjoni ta' natura kunfidenzjali rċevuta skont dan ir-Regolament, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur ta' tali informazzjoni.

Emenda

2. Min jipprovdi l-informazzjoni jista' jitlob li l-informazzjoni pprovduta tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali. F'każijiet bħal dawn, l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn sommarju mhux kunfidenzjali **iżda b'mod effettiv** jew minn dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex ma jistax isir sommarju ta' din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri jew l-uffiċjali tagħhom **huma pprojbiti milli** jiżvelaw **kwalunkwe** informazzjoni ta' natura kunfidenzjali rċevuta skont dan ir-Regolament, mingħajr permess speċifiku mill-fornitur ta' tali informazzjoni.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jipprekludi lill-Kummissjoni milli tiżvela informazzjoni ġenerali f'forma ta' sommarju, li ma jkunx fiha informazzjoni li tippermetti li jiġi identifikat il-fornitur tal-informazzjoni. Tali divulgazzjoni għandha tqis l-interess leġittimu tal-partijiet ikkonċernati f'li ma jiddivulgawx informazzjoni kunfidenzjali.

Emenda

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jipprekludi lill-Kummissjoni milli tiżvela informazzjoni ġenerali f'forma ta' sommarju **iżda b'mod effettiv**, li ma jkunx fiha informazzjoni li tippermetti li jiġi identifikat il-fornitur tal-informazzjoni. Tali divulgazzjoni għandha tqis l-interess leġittimu tal-partijiet ikkonċernati f'li ma jiddivulgawx informazzjoni kunfidenzjali.

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Rieżami

Rapportar u Rieżami

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 7 sitt xhur wara t-terminazzjoni tagħha, filwaqt li tqis il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. ***Ir-rapport*** ta' evalwazzjoni ***għandu jeżamina*** l-effettività u l-operat tal-miżura ta' rispons tal-Unjoni, u ***għandu jasal*** għal konklużjonijiet possibbli għal miżuri futuri.

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa kwalunkwe miżura ta' rispons tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 7 sitt xhur wara t-terminazzjoni tagħha, filwaqt li tqis il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati, ***u l-informazzjoni provduta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill***, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport*** ta' evalwazzjoni ***li fih teżamina*** l-effettività u l-operat tal-miżura ta' rispons tal-Unjoni, u ***tasal*** għal konklużjonijiet possibbli għal miżuri futuri. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Mhux aktar tard minn tliet snin wara ***l-adozzjoni tal-ewwel att*** ta' ***implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jew sitt snin wara*** d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ***skont liema jiġi l-ewwel***, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament u l-

2. Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ***u tal-anqas kull erba' snin wara*** dan ***il-perjodu***, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni tiegħu, ***b'mod partikolari, fl-iżgurar tal-***

implimentazzjoni tiegħu u għandha
tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-
Kunsill.

***komplimentarjetà mar-rieżami tal-Istatut
ta' Mbokkar, u għandha tirrapporta lill-
Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'mod
partikolari fir-rapportar rilevanti tal-
Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ.***